FORMAZZJONI

# Il-Carmelite Institute Malta

## *Għaxar Snin ta' Formazzjoni Spiritwali u Karmelitana*

**minn P. Charlò Camilleri, O.Carm.**

Is-sena 2018 timmarka l-għaxar snin mit-twaqqif tal-*Carmelite Institute Malta* (CIM) fl-2008, bil-ħidma u l-viżjoni tal-Provinċjal P. Alexander Vella, mill-Provinċja Karmelitana Maltija u l-Provinċja Maltija tal-Karmelitani Skalzi, bl-għan li joffri formazzjoni fl-Ispiritwalità permezz ta' korsijiet u riċerka. B'kollaborazzjoni mal-Fakultà tat-Teoloġija fl-Università ta' Malta, dan l-Istitut jagħti sehmu fil-programm tal-*Masters* għall-istudju tal-Ispiritwalità Karmelitana. Il-Programm tal-Masters fetaħ ukoll fl-2008. CIM jaħdem ukoll f'kollaborazzjoni mal-*Pastoral Formation Institute* u ma' diversi Istituti oħra Karmelitani ta' Spiritwalità madwar id-dinja. L-għan ewlieni ta' CIM huwa li joħloq spazju fejn il-persuni jistgħu jirriflettu dwar ir-relazzjoni tagħhom ma' Alla permezz tal-istudju tal-awturi u t-testi l-kbar tal-ħajja spiritwali. Is-sede tal-Istitut tinsab fil-Kunvent tal-Karmnu fl-Imdina, fejn hemm ukoll bibljoteka u arkivju speċjalizzati l-iktar fl-Istorja u l-Ispiritwalità Karmelitana. Mis-sena 2017 l-Istitut Karmelitan kompla jitmexxa mill-Provinċja Karmelitana Maltija.

Matul dawn l-għaxar snin l-Istitut Karmelitan offra korsijiet ta' formazzjoni, seminars u programmi kulturali mhux biss fl-Ispiritwalità Karmelitana, li tiġi mgħallma bi programm maqsum fuq sentejn, iżda wkoll f'oqsma oħra tat-Teoloġija Spiritwali, b'firxa wkoll fuq tradizzjonijiet oħra barra mill-Kristjaneżmu, bħall-Ġudaiżmu, l-Iżlam, u s-Sanskrit. Ġew offruti wkoll seminars speċjalizzati għall-kategoriji ta' nies, bħal pereżempju dawk li jaħdmu fil-qasam tas-saħħa b'seminars fuq *Spirituality and Health Care u Psychiatry and Faith in the Modern World*, u wkoll seminars ta' formazzjoni fuq l-Ispiritwalità tal-Familja u ż-Żwieġ. Matul is-snin tfakkru wkoll, permezz ta' korsijiet u seminars formattivi, diversi anniversarji ta' personaġġi li ħallew marka fuq l-Ispiritwalità Nisranija u dinjija. Insemmu hawnhekk lil Kahlil Gibran, Charles de Foucauld, Elisabetta tat-Trinità, Tereża ta' Ġesù, San Ġwann tas-Salib, Titu Brandsma, Maddalena de' Pazzi, Thomas Merton, P. Avertan Fenech, Pavel Florenskij. Uħud minn dawn is-seminars u korsijiet saru f'kollaborazzjoni ma' istituzzjonijiet oħra, bħal *Kahlil Gibran Society, Dept. of Psychiatry University of Cambridge, Bellarmine Institute, il-Fakultà tat-Teoloġija, ir-Russian Centre*, kif ukoll is-*Soċjetà tad-Duttrina Nisranija*.

Fost is-seminars li nistgħu ngħidu ġew milqugħa tajjeb, insemmu dawn ġejjin. Fl-2010, l-Istitut organizza, flimkien maċ-*ĊAK*, seminar dwar Spiritwalità u Komunikazzjoni. Fi Frar tal-2012, imbagħad ġibna kelliema mit-*Titus Brandsma Instituut f'Radboud University* għal Seminar ta' jumejn bit-tema *Secular Scpirituality: Spirituality and Managaement*. Fl-2013, l-Istitut Karmelitan organizza wkoll Konferenza Internazzjonali u Ekumenika fuq id-Dixxerniment fl-Iskrittura b'kollaborazzjoni mal-*Bloemfontaine Free State University* u mat-*Titus Brandsma Institute*. F'din il-Konferenza ħadu sehem studjużi ta' fama internazzjonali bħal Sandra Schneiders u Kees Waaijman li taw ukoll konferenzi miftuħa għall-pubbliku f'Malta.

Fl-2015, f'kollaborazzjoni ma' *Drachma*, ġie offrut ukoll kors ta' formazzjoni fuq Spiritwalitajiet tal-Ġeneru u wkoll ikkollabora fl-organizzazzjoni mal-Fakultà tat-Teoloġija tat-taħdita pubblika mit-teologu James Alison bit-tema *Spirituality from the Periphery*.

Għall-korsijiet u s-seminars, l-Istitut ukoll jaħseb biex minn żmien għal żmien iġib esperti u professuri

barranin, uħud minnhom Karmelitani, f'diversi oqsma tal-għerf. Insemmu fost l-oħrajn lil Ian Matthews, Bernardette Flanagan, Celia Kourie, Donna Orsuto, James McCaffrey, Sanny Bruijns, Christopher O' Donnell, Kees Waaijman, Hein Blommestijn, Mark Agius, Jakub Walczak, Giovanni Grosso, Paul Chandler, Vladimir Foedorov.

L-Istitut, matul is-snin, kien ukoll mistieden jiġi rappreżentat f'konferenzi internazzjonali bħal dik organizzata mit-*Titus Brandsma Institut f'Radboud University* bit-tema Reframing Spirituality u f'dik organizzata mill-*Malta Depth Psychology Association* fuq *Waking Dream Therapy* u Robert Desoille. F'isem l-Istitut Karmelitan ġie ppreżentat studju komparattiv bejn il-metodu Karmelitan ta' meditazzjoni u l-metodu terapewtiku mħaddem minn Desoille.

Sa mill-bidu tiegħu fl-2008, l-Istitut Karmelitan ukoll jippromovi r-riċerka fit-Teoloġija Spiritwali bis-sehem fil-Programm tal-*MA Spirituality*. Frott din il-kollaborazzjoni ħarġu diversi teżijiet fosthom dawn li ġejjin bi speċjalizzazzjoni fl-Ispiritwalità Karmelitana:

- *Divine Love as the Ultimate Source for Human Union: Theology of the Body and St John of the Cross.*
- *Without Leaving Your Arms: Union of Love in Therese of Lisieux Doctor of the Church (1873-1897).*
- *'Pourquoi je t'aime o Marie!' The Last Poem of Therese of Lisieux – Scriptural, Spiritual and Marian Perspectives.*
- *Drug Addiction Recovery. Insights from Carmelite Spirituality.*
- *Uncovering Idolatry: James Alison in dialogue with Scriptures and John of the Cross.*
- *The Trinitarian Model: A Spurce for Marital Spirituality. Insights from the Carmelite Mystical Tradition.*
- *Mary Model of the Church. Insights from the Carmelite Marian Mystical Tradition.*
- *Echoes of the Eastern Monastic Tradition in the Carmelite way of Life.*
- *Transformation in the Crucified Christ: Abandonment in Therese of Lisieux and Charles de Foucauld.*
- *The Desert experience: Insights for Spiritual Companionship in Crisis of Faith.*
- *Redemption or Liberation: A Christian and Buddhist Response to Human Suffering.*
- *A Journey to High Places: Hannah Hurnard's Spirituality and the Song of Songs.*
- *The Process of Grace in Julian of Norwich's experience of Prayer and Contemplation.*
- *Baptism in the Spirit: A Study of its Meaning as Contemplative Experience.*
- *Elements of Marian Mysticism from the Magisterium of John Paul II.*
- *Insights from Pope John Paul II for Family Spirituality.*

Diversi studenti fl-Istitut Karmelitan jikkontribwixxu wkoll b'artikli f'diversi rivisti ta' spiritwalità fosthom *Teresa. Rivista Enċiklopedika ta' Spiritwalità*, *Carmel in the World* u *Il-Karmelu*. *L-Edizioni Carmelitane* wkoll ippubblikaw l-Edizzjoni Kritika tal-opra medjevali *The Pilgrimage to Jerusalem* tal-Karmelitan Ian Pascha, maqluba għall-Ingliż u kkummentata minn student tal-Istitut Karmelitan is-Sur Edward Clemmer. Pubblikazzjonijiet tal-Istitut jinkludu l-ġabra ta' poeżiji ta' Goel Galea li ġġib l-isem Dija u wkoll l-istudju ta' Mario Azzopardi fuq Santa Tereża ta' Ġesù bl-isem *Ċekkmejt lil Kristu*. Xi konferenzi li jingħataw fl-Istitut ukoll ġew ippubblikati fir-rivista speċjalizzata *Studies in Spirituality*. Fosthom insemmu l-konferenza tal-Prof. Martin Zammit *Battling the Noonday Demon: Thomas Merton on Resentment*.

Ta' min jgħid ukoll, li xi wħud mill-istudenti tal-Istitut Karmelitan, wara li ħadu sehem f'korsijiet u seminars, inġibdu

*Ikompli f'paġna 11*